Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 65 / 2014

Il-Pulizija

(Spettur Elton Taliana)

vs

**Juanita Fenech**

Illum, 28 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Juanita Fenech, Bint George, imwieleda Floriana, fl-4 ta' Frar, 1961, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 148761 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-5 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghodu 08:40hrs, gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara :-

Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b`reat, fil-waqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti;

Iddenunzjat rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 101, 110(2), 109 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Ma sabitx lill-imputata hatja tat-tieni (2) imputazzjoni, u ghaldaqstant illiberatha minnha. Sabitha hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni, u ghalhekk ordnat li l-imputata titqieghed taht ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre l-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali temporanja tal-imputata ghal zmien ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 109 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll interdizzjoni milli sservi bhala xhud jew perit.

Rat ir-rikors tal-appellanti Juanita Fenech minnha pprezentat fil-25 ta' Frar, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hatja tat-tieni imputazzjoni thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hatja tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tillberha minn kull imputazjoni u piena u/jew, fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravju fuq il-mertu tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena inflitta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

(A) Illi l-ewwel Qorti, bir-rispett, ghamlet apprezzament inkomplet u skorrett tal-provi b'mod illi s-sentenza appellata hija "*unsafe and unsatisfactory*" fil-konkluzzjoni raggunta a bazi ta' dan l-apprezzament hekk maghmul.

F'dan ir-rigward jinghad umilment is-segwenti:

(1) Wara li ghamlet riassunt tal-provi, l-ewwel Qorti qalet li il-provi, ghalhekk, in succint, huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Tkompli biex tghid li fil-fehma taghha l-verzjoni tal-imputata hija inkonsistenti u, possibiliment inverosimili. Skond l-ewwel Qorti ir-ragunijiet li fil-fehma taghha jindikaw dan huma s-segwenti:

(a) Il-fatt li qabel ma ghamlet dan ir-rapport hija marret isaqsi lil missierha u, wara suggeriment ta' missierha, liz-zewg avukati taghha kien, ghall-ewwel Qorti tentattiv minn naha tal-esponent sabiex ikun hemm diversi persuni li jistghu jikkonfermaw l-verzjoni taghha.

Issa, pero, li sfortunatament sfugga kompletament lill-ewwel Qorti kien ir-raguni tar-riluttanza li jsir rapport minn naha tal-esponent.

In effetti mill-provi jirrizulta li precedentement ghal dan l-incident l-esponent ma tantx kellha fiducja fil-mod kif tmexxew r-rapporti taghha.

Dan l-istat ta' fatt, li huwa allura r-raguni vera ghaliex ir-rilutazzjoni tal-esponent li taghmel rapport, kien jirrizulta mill-provi. Pero, sfortunatament l-ewwel Qorti dehirilha li dawn il-provi ma kienu ta' ebda rilevanza ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija jew, addiritura lanqas ma gew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti.

Illi, in effetti, fl-ewwel lok fuq dan il-punt jigi umilment sottomess li r-rapport tal-Police Board esebit fl-atti tal-process ma huwiex, kif stqarret l-ewwel Qorti, rapport fuq ilment maghmul mill-esponent fil-konfront tal-Ispettur Taliana dwar it-trattament li kienet inghatat minnu f'dan il-kaz.

Apparti l-fatt li anki kieku stess ghall-grazzja tal-argument kienu hekk biss dan ir-rapport, difficli tifhem kif dan huwa rrilevanti spjecjalment meta hawn kien qed jigi kkontestat il-mod kif ittiehdet stqarrija – stqarrija li finalment intuzat mill-ewwell Qorti sabiex tinstab htija!! L-esponent, fil-fatt temmen u bir-ragun, li dan ir-rapport tal-Police Board huwa altroche milli rrilevanti partikolarment meta, fost affarijiet ohra issindika – u wasal biex jiccensura! – l-mod kif l-Ispettur Taliana agixxa waqt din l-investigazzjoni u ha l-istqarrija tal-esponent.

Stqarrija li giet iccensurata minn Bord investigattiv spicca ntuza mill-ewwel Qorti bhala wahda mir-ragunijiet sabiex tirradika l-htija.

Illi, kif inghad pero u kontrarjament ghal dak li stqarret l-ewwel Qorti, dan ir-rapport tal-Police Board kien jirrigwarda lment dwar diversi rapporti maghmula mill-esponent fl-Ghassa u l-mod kif gew investigati u dwar l-operat adoperat f'izjed minn instanza wahda. Altroche mela, bir-rispett li dan ir-rapport mhuwiex rilevanti kif stqarret l-ewwel Qorti! Altroche, mela, ukoll u dejjem bid-dovut rispett, li l-parir tal-avukati ma intalabx sabiex l-esponent ikollha diversi persuni li jikkonfermaw l-versjoni taghha.

Illi tabilhaqq li l-ewwel qorti kienet skorretta fl-apprezzament taghha tal-agir tal-esponent qabel ma marret taghmel ir-rapport kien, jirrizulta ukoll mid-deposizzjoni tal-persuni involuti f'din id-decizjoni. Dana pero' l-ewwel Qorti, bir-rispett, jidher li evidentement skartatu u huwa anki ghalhekk li qed jigi umilment sottomess f'dan l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament inkomplet u skorett.

Illi, inoltre, anki s-sentenza citata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Juanita Feneta** hija fil-fatt indikazzjoni ohra dwar ghaliex l-esponent kienet rilutanti biex tmur taghmel dan ir-rapport!! Fil-fatt il-mertu tas-sentenza huwa propju rapport iehor li l-esponent ghamlet lill-Pulizija fis-sena 2010 li wassal sabiex ukoll, bhal f'dan il-kaz, l-azzjoni li ttiehed tkun li l-espoenent tisfa ghaddeja procedure akkuzata fuq rapport falz! (sic!) Altroche, mela, bir-rispett, li l-pariri ta' missierha u tal-avukati taghha ma kienux ottjenuti sabiex l-esponent ikollha *"persuni ohra li jistghu jikkonfermaw il-verzjoni taghha"*, kif sfortunatment ikkonkludiet l-ewwel Qorti, konkluzjoni raggunta konsegwenza propju ta' dan l-apprezzament inkomplet u skorrett tal-provi.

(b) Il-fatt li l-ewwel Qorti kienet perplessa li fl-istqarrija taghha, meta arrestata, l-esponent accettat li r-rapport li ghamlet ma kienx minnu.

Illi, issa apparti l-fatt li l-esponent in pessima ipotesi accetat li setghet ghamlet zball u dahlet f'mohha xi haga erronjament, naturalment l-ewwel Qorti ma kkumentat xejn dwar il-mod skorett u zbilancjat li biha kienet saret din l-investgazzjoni b'mod illi spiccat b'din l-istqarrija li, kemm il-mod kif ittiehdet u dak li sar qabel ma ttihdet, gie censurat mill-Police Board. L-unika kumment li ghamlet, kif inghad, kien li dan

kien irrelevant ghall-finijet ta' sejbien ta' htija o *meno*. Stranament, izda, l-ewwel qorti tuza din l-istqarrija sabiex imbaghad tirriskontra l-htija!.

Illi, l-ewwel Qorti tkompli tispjega li l-perplessita' taghha temani mill-fatt li persuna, bhal l-esponent, li hija imbezza mir-ragel taghha mhi sejra qatt iccedi ghall-pressjoni (tal-invesitgatur) u tnehhi l-biza taghha u tirtira rapport li tkun ghamlet sakemm dan ma kiex tassew falz.

Issa, apparti l-fatt li bid-dovut rispett, l-esponent ftit qed isegwi l-logika tal-ewwel Qorti f'dan l-argument, li mhux qed tikkonsidra l-ewwel Qorti huwa propju li, fl-ghajnejn tal-esponent u bil-mod kif agixxew fil-passat, l-esponent qed thoss li dak l-investigatur huwa parti mill-vjolenza domestika mwettqa fuqha minn zewgha!!

Fi kliem iehor l-esponent, fl-imghoddi fittxet komfort u ghajnuna mill-Pulizija fir-rigward tal-mod kif zewgha kien jittratha. Hija hasset li dan il-komfort u ghajnuna ma sabithomx. Anzi bdiet thoss, tajjeb jew hazin, li l-Pulizija qed jigu strumentalizzati minn zewgha. Dik ukoll, sfortunatament l-esperjenza tghallem hija parti mill-mod kif tahseb persuna li tkun vittma ta' vjolenza domestika. U f'dan il-kaz il-hsieb tal-esponent gie vindikat u ikkonfermat – precisament mill-Police Board.

Mela allura l-pressjoni li qed issir mill-Pulizija hija, f'mohh l-esponent (u fid-dawl tal-Police Board in parti ghandha ragun) parti integrali mill-istess pressjoni kagunata fuqha mill-azzjonijiet ta' zewgha fil-konfront taghha. Din is-sitwazzjoni, abbinata ma dak dispost fl-Artikolu 658 tal-Kap. 9, pero' l-ewwel Qorti ma dahlitx fiha. Huwa ghalhekk ukoll li l-esponent intenni li s-sentenza appellata hija "*unsafe and unsatisfactory*".

(c) Ghall-ewwel Qorti l-verzjoni ta' Mario Fenech kienet kkorroborata mix-xhieda tal-membri tal-familja tieghu.

Bid-dovut rispett din is-suppost korroborazzjoni ma hija koroborazzjoni xejn izda konsegwenza tal-mod monk kif giet inizjata u sussegwentement kondotta din l-investigazzjoni.

Illi, in effetti, minn qari akkurat tal-atti jirizulta li wara li sar r-rapport, PS 564 Jeffrey Schembri informa lil Mario Fenech bid-detallji ta' dan ir-rapport. Tant huwa hekk li flok ma talbu jinzel l-Ghassa biex jibda jinvestiga s-sitwazzjoni giet kapovolta ta' taht fuq.

Illi, fil-fatt jirrizulta li Mario Fenech mar lura d-dar u ha mieghu fl-Ghassa lil huh u lil mara ta' huh sabiex jispjegaw li fit-8.05 a.m. kienu d-dar. Biex sar dan, bilfors li gew mgharrfa minn qabel precizament u bid-dettalji relattivi fiex kien jikkonsisti dan ir-rapport. Dan jirrizulta ampjament mid-deposizzjoni ta' Mario Fenech a folio 27, mid-deposizzjoni ta' huh Alex Fenech a folio 33 u huwa inferit mid-deposizzjoni ta' Angela Fenech a folio 40 tal-process.

Mhux hekk biss izda inoltre jirrizulta li dawn it-tlieta minn nies taw il-verzjoni taghhom ta' fejn kienu fit-8.05 a.m. kollha flimkien bhal kor wiehed sintonizzat fl-Ghassa ta' B'Kara. Dan ukoll johrog b'mod car minn qari akkurat tal-provi u precizament mid-deposizzjoni tal-PS. 564 Schembri a folio 46.

Illi fuq dan il-punt l-esponent hija perplessa kif l-ewwel Qorti stqarret obiter is-segwenti:

"Huwa veru li l-membri tal-familja tieghu (i.e. ta' Fenech) setghu facilment ftehmu fuq verzjoni wahda identika, kif jidher li gara, ghax kollha xehdu kwazi l-istess… " (enfazi mizjud)… u fl-istess hin il-Qorti tghid li l-verzjoni ta' Mario Fenech qed tigi accettata ghax hija kkorroborata mix-xhieda tal-membri tal-familja tieghu.

Illi, tabilhaqq, bid-dovut rispett, konferma ohra li din is-sentenza hija "*unsafe and unsatisfactory*" bir-rispett kollu difficli li jkun hemm. Ghaliex wiehed gustament jistaqsi kif tista, fl-istess nifs, Qorti tghid li x-xhieda ftehmu x'ha jghidu imbaghad tghid li dan jammonta ghall-korroborazzjoni.

(d) Il-hin tat-8.05 a.m. gie determinat mill-imputata stess u, allura, skond l-ewwel Qorti fit-8.05a.m. Mario Fenech kien id-dar f'B'Kara hdejn il-kullegg ta' San Alwigi u

mhux ghaddej minn Triq is-Sienja, f'Attard. Dana giet stabbilit mill-"*localisations*" mela, skond l-ewwel Qorti, ir-rapport huwa falz.

Illi, bir-rispett, dan l-apprezzament tal-provi huwa pjuttost dghajjef meta jitqies li hin indikat f'rapport huwa dejjem approssimattiv. Huwa inverosimili li l-esponent qadet wara l-bieb thares lejn l-arlogg tistenna li tghaddi karozza li tinsulentha biex imbaghad tmur tirraporta l-Ghassa.

Tabilhaqq l-istess rapport jindika fl-okkorenza a folio 50 li sar fid-8.40a.m. Il-prosekuzzjoni fic-citazzjoni intavolata fir-registru tal-Qorti (kumbinazzjoni l-ghada li sar l-ilment lill-Police Board) ukoll tindika li dan ir-reat sar ghall-habta tad-8.40 a.m. (ara folio 1) Mela anki l-prosekuzzjoni tirrikonoxxi li l-hin huwa approsimattiv. Ahseb u ara kemm tista tkun preciza l-esponent fl-indikazzjoni tal-hin ta' meta ghaddiet il-vettura minn quddiem ir-residenza taghha.

Di piu' ebda konsiderazzjoni ma saret tal-vicinanza bejn il-fond fejn kien qed jghix Fenech f'B'Kara u Triq is-Sienja, Attard – distanza ta' ftit minuti meta tkun qed issuq vettura.

Illi, inoltre, f'dan ir-ragunament fuq il-hin ukoll ma ttiehdet ebda kunsiderazzjoni ta' fattur iehor. Dana huwa illi dawk ix-xhieda li l-ewwel Qorti stqarret li ftehmu x'ha jghidu, kollha sostnew li huma dejjem johorgu mid-dar sabiex imorru ghax-xoghol fit-8.20 a.m. (presumibilment anki l-arloggi taghhom huma sinkronizzati flimkien u mhux biss d-deposizzjonijiet taghhom). Pero' jirrizulta li dakinhar, qabel ma jmorru ghax-xoghol, kellhom jiehdu microwave biex tissewwa ghand tal-Flamingo (Deposizzjoni Anne Fenech folio 40).

Dana iwassal ghal ftit hsibijet li pero l-ewwel Qorti, bir-rispett, ma dahlitx fihom. L-ewwel, dakinhar jigifieri telqu qabel mid-dar? It-tieni, kif tispjega li fl'alibi taghhom - ta' Fenech ma tellghax jixhed tal-Flamingo sabiex jikkonferma dan l-istat ta'fatt? It-tielet hsieb huwa kif jista' jkun li telqu fit-8.20 a.m., marru,, jiehdu l-microwave, saqu ghall-ufficju u fit-8.30 waslu l-ufficju diga? (ara deposizzjoni Mario Fenech a folio 27) (deposizzjoni ta' Alex Fenech a folio 33).

(2) Illi jinghad ukoll li bid-dovut rigward l-apprezzament skorrett u inkomplet li jwassal sabiex jinghad li s-sentenza appelata hija "*unsafe and unsatisfactory*" ma johrogx biss mir-ragunament adoperat kif umilment imfisser supra f'dan ir-rikors tal-appell. L-apprezzament skorrett u inkomplet jemani ukoll minn osservazzjonijiet ohra li kompletament sfuggew lill-ewwel Qorti.

Illi fost dawn il-kunsiderazzjonijiet hemm il-kwistjoni tan-numru tal-vettura. Tajjeb li jinghad li Mario Fenech ghandhu flotta ta' karrozzi essendo li huwa jiggestixxi kumpanija li tikri l-vetturi.

Issa l-esponent stqarret li meta sehh dana l-incidenti hija hadet in-numru tal-vettura. In-numru kien ta' karozza tal-kiri u mhux xi vettura personali ta' Mario Fenech jew huh Alex.

Issa, l-esponent tistaqsi – dan in-numru mill-atti ma jirrizultax li gie minnha ivvintata. Anzi, l-Ispettur Taliana talab lil ta'Fenech igibu l-vettura li kienu biha dakinhar l-Ghassa ta' B'Kara biex jiehdilha ritratt. U din il-vettura minkejja li jirrizulta li hija vettura tal-kiri u allura parti minn flotta ta' vetturi li ghandhom ta' Fenech, jiririzulta ukoll li ghandha l-istess numru ta' registrazzjoni bhalma rraportat l-esponent li kellha l-vettur li ghaddiet minn quddiem ir-residenza taghha.

Mill-provi ma hemm xejn li jikkontradixxi dak li qed tghid l-esponent. Anzi bl-oppost, mill-provi ma jirrizultax li l-Mario Fenech dejjem juza din il-vettura. Anzi, jirrizulta li ghandha "K" fin-numru taghha – fatt li jikkonferma li hija vettura li tinkera u allura wahda mill-hafna li ghandha l-kumpanija taghhom. Tabilhaqq l-esperjenza tghallem li anki l-ghamla taghha huwa indikattiv li hija vettura li tinkera (Suzuki Alto) (ara deposizzjoni tal-Ispettur Taliana a folio 18).

Illi, ghalhekk wiehed jistaqsi dan il-fatt ma jsahhahx, imqar sal-grad tal-probabbli, l-verzjoni tal-esponent?

Illi, pero, minflok l-Ispettur Taliana ha ritratt ta' din l-vettura u qal li ghamel ezercizzju biex jara jekk minn "CCTV camera" istallata f'Triq is-Sienja jarax din il-vettura ghaddeja minn hemm.

Illi, apparti l-fatt li c-CCTV, fi kliem l-ewwel Qorti u fatt mhux konstestat, ma wera xejn ghax f'dan ir-recording li ghamel Anton Falzon (folio 125 et seq) sfortunatament ma gie jidher xejn u b'hekk dejjem fi kliem l-ewwel Qorti din il-prova kienet inkonklussiva, jibqa pero' l-fatt, mhux traskurabbli, li l-esponent hadet nota ta' nurmru ta' registrazzjoni u dan in-numru kien in-numru ta' registrazzoni ta' vettura tal-kiri li Fenech stess accetta li kien qed isuq dakinhar tal-5 ta' Novembru 2010!

(B) Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni skorretta tal-ligi in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni.

Illi dana qieghed jinghad ghaliex jekk toqghod fuq l-istqarrija tal-esponent, kif ghamlet l-ewwel Qorti, minnha jirrizulta li hija, in pessima ipotesi, stqarret li setghet agixxiet taht impressjoni zbaljata.

Illi ghalhekk jonqos l-element formali ossija li l-akkuzat ikun jaf li l-persuna hija innocenti. L-impressjoni zbaljata ma tammontax ghal dan l-element.

Illi fuq dana l-aspett l-esponent taghmel riferenza ghan-Nota tal-Prof. Mamo f'pagni 55 u 56 fejn jinghad s-segwenti:

*The knowledge on the part of the informer* or *complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid* or *the complaint made must be* <u>*certain,*</u>so *that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation. The mere falsity in fact of the imputation without such knowledge is not sufficient, because* as *we have already said, such falsity may be involuntary and not therefore malicious,* as *in the case of an informer who imputes an offence to* a *person whom he, in truth, believes to be guilty ....*

*Any information, report* or *complaint not in accordance with the true facts but which may*

*have been laid* or *made* <u>*not*</u> *in bad faith, may only give rise to* a *responsibility for damages for the unjust accusation in* so *far* as *the agent may be guilty of negligence for civil purposes. (Roberti, op. cit., Vol. V, para. 438).*

IlIi ghalhekk, minn qari tal-istqarrija tal-esponent fit-totalita taghha, jekk tigi *in pessima ipotesi* biex taccetha kif ghamlet l-ewwel Qorti, u "*tkun aktar propensa temmen li l-istqarrija tal-imputata tirrispekkja l-verita*" allura, bir-rispett dan l-element ma jirrzultax ipprovat.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-piena tal-interdizzjoni ma hijiex legalment possibli ma piena imposta fit-termini tal-Kap. 446.

Illi f'dan ir-rigward l-esponent taghmel riferenza ghall-Artikolu 25 tal-Kap. 446 li jindika liema huma dawk l-Artikoli tal-Kap. 9 li xorta wahda jistghu jigu applikati meta l-Qorti tkun qed titratta ma persuni fit-termini tal-Kap. 446. Illi minn qari ta' dan l-Artikolu, filwaqt li hemm riferenza ghall-disposizzjonijiet partikolari huwa car li l-interdizzjoni m'hijiex inkluza.

Illi in olte in sostenn ta' dan, l-esponenta taghmel riferenza wkoll ghal sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-30 ta' Settembru 1993, fil-kawza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v. Nicholas Doublet**</u>, il-Oorti qalet illi 'L-istitut ta' l-interdizzjoni generali, kemm jekk hija temporanja, kif ukoll jekk hija perpetwa, huwa kkonsidrat mill-Kodici Kriminali taghna bhala piena; . . . . . . .        .

L-istitut tal-liberta' kondizzjonata kif kontemplat fl-Att dwar Probation ta' Hatjin huwa biex minflok ma tinghata l-piena prevvista mill-ligi, ikun hemm provediment illi jorbot lill-imputat misjub hati li ma jikkommettiex reat iehor, u cioe' minflok ma tigi komminata l-piena prevvista mill-ligi, tinghata l-liberta' kondizzjonata kif jipprevedi dan l-Att; meta xi Qorti tigi biex, minflok tapplika dik il-piena, tapplika l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin, il-liberta' kondizzjona taht dan l-Att tirrimpjazza u

tiehu post il-piena kollha kif setghet tigi kommitata skond il-ligi, inkluz il-piena ta' interdizzjoni generali.

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-20 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denis Borg**, il-Qorti qalet illi Conditional discharge' jew 'probation' that il-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta bla ebda mod ma tekwivali ghall-kundanna, u allura f'kaz ta' 'conditional discharge' ma jistax jigi applikat l-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat it-trattazzjoni maghmula quddiem din il-Qorti diversament preseduta traskritta tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**L-Ispettur Elton Taliana**, xehed fl-20 ta' Jannar, 2011 li nhar il-5 ta' Novembru, 2010, Juanita Fenech ghamlet rapport mal-pulizija li r-ragel taghha mar wara l-bieb tad-dar matrimonjali taghhom gewwa H'Attard flimkien ma huh gewwa karozza BBK 813. Jghid li l-akkuzata qalet li waqt li kienet qed tohrog iz-zibel fit-8:00 a.m. innutat karozza bajda tnaqqas il-velocita' u tieqaf hdejha fejn mit-tieqa, Mario kellimha hazin u anke qalilha li t-tifel ma kienx se jixhed. L-akkuzata fehmet li peress li Mario Fenech ghandu l-kundizzjoni fid-digriet moghti lilu meta inghata l-helsien mill-arrest li ma jistax jersaq lejn l-akkuzata u t-tifel taghhom Jean Louis Fenech, kien ghalhekk li Mario Fenech semma l-fatt li mhux se jhalli lit-tifel jixhed. Fil-fatt, Juanita Fenech ghamlet rapport fuq dan l-incident lil PS 564 fejn sussegwentement, dan is-surgent baghat ghal Mario Fenech sabiex jinvestiga ghala dan kien mar quddiem id-dar tal-akkuzata.

Mario Fenech spjega lis-surgent li qabel it-8:20 a.m. kien ghadu lanqas biss hareg mid-dar u ta' dan seta' jikkonferma kollox huh stante li minhabba l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, huwa qed jghix ma huh, il-mara ta' huh u z-zewgt itfal taghhom. PS 564 tkellem mal-membri kollha tal-familja hlief ghal tifel wiehed li kien ghadu rieqed u allura la ra u lanqas sema' xejn. Jghid li huwa dak in-nhar kien l-ufficjal tal-ghassa, kellem lil membri tal-familja kollha fejn fil-fatt regghu ikkonfermaw dak li diga' kienu stqarrew lil PS 564 u Mario Fenech spjega li f'xi t-8:15 a.m. hareg mid-dar b'microwave biex jiehdu ghat-tiswija. Spjegalu ukoll it-toroq li ghadda minnhom. Jghid li peress li susspetta li l-akkuzata kienet ghamlet rapport falz, huwa kien ikkomunika mal-Magistrat tal-Ghassa dak inhar, u cioe' l-allura Magistrat Miriam Hayman sabiex jigi awtorizzat jghamel arrest.

Kien baghat ghal Juanita Fenech u din marret l-ghassa ghal habta ta' 12:00 p.m. fejn inghatat it-twissija li tista' ma twegibx ghad-domandi li kienu se jsirulha. Inghatat ukoll it-twissija li setghet tikkonsulta ma Avukat tal-ghazla taghha fejn ghazlet li tikkonsulta mal-Avukat Dr. Joe Giglio. L-Ispettur Elton Taliana stqarr li waqt l-investigazzjoni, ikkonferma li Mario Fenech sat-8:20 a.m. kien ghadu d-dar stante li kien ghamel telefonata mill-land line ta' huh lil certu wiehed Salvu. Waqt li kien qed ikellem lill-akkuzata, l-akkuzata spjegat f'liema direzzjoni hi tghid li rat lil Mario Fenech sejjer u kien ghalhekk li qalilha li f'dik it-triq li semmiet hemm CCTV cameras u jistghu jaraw lil Mario Fenech f'dan il-footage. Minn dak il-hin, talab lis-service providers tal-Vodafone biex jaghmel localisation tal-mobile ta' Mario Fenech kif ukoll talab lil hu Mario Fenech, Alex Fenech igib rendikont tat-telefonati mis-service provider GO plc. Huwa mar ghas-CCTV footage li gabru minghand certu Anton Falzon li joqghod fi Triq il-Linja Attard liema CCTV gie esebit fl-atti a fol 22 tal-process immarkat bhala Dok ET1.

Ix-xhud jghid li talab lil Alex Fenech jgib il-karozza BBK 813 li hija Suzuki Alto ta' lewn abjad sabiex johdilha xi ritratti li huma esebiti a fol 23 tal-process immarkati bhala Dok ET2. Huwa esebixxa localisation report mill-Vodafone minghand certu Demaris Agius immarkata bhala Dok ET3 a fol 24 tal-process. Meta ra dawn id-diskrepanzi kollha fil-provi, rega' tkellem mal-akkuzata li sa dak il-hin kienet

arrestata fejn ammettiet li ma kienx minnu li Mario Fenech u Alex Fenech kienu gew bil-karozza fit-triq taghha.

**L-Ispettur Elton Taliana** riprodott, ikkonferma li huwa kien involut dwar ir-rapport li sar minn Juanita Fenech fejn din allegat li r-ragel taghha Mario Fenech kien mar wara l-bieb tad-dar taghha u beda joffendiha tant li anke mar jitkellem mal-Magistrat li kien qed jisma' l-kaz li kien hemm pendenti gia bejn l-appellanti u zewgha fuq xi rapport ta' *domestic violence*. Li huwa kien fil-fatt ghadda biex jarresta lill-appellanti fuq struzzjonijiet moghtija mill-istess Magistrat. Huwa kkonferma li gewwa l-Ghassa kien tkellem kemm ma Alex kif ukoll ma Mario Fenech qabel ma tkellem mal-Magistrat ghaliex huma kienu nnegaw dak li kienet allegat fil-konfront taghhom l-appellanti u fil-fatt kienu qalulu li kellhom xi telephones li setghu jikkonfermaw dak li kienu qeghdin jallegaw huma. Huwa fil-fatt kellu suspett li dan ir-rapport kien wiehed falz. In segwitu, ikkonferma li r-rapport sar ghal habta tat-8:30 a.m. dwar incident li kien sehh bejn it-8:00 a.m. u t-8:05 a.m. ta' l-istess jum. Mistoqsi jekk tkellimx mal-appellanti, huwa kkonferma li kien kellimha fi stadju ulterjuri. Qal li r-rapport hadu s-surgent tieghu u fil-fatt kien hu li tkellem maghha l-ewwel u tkellem ukoll mal-persuni li gew indikati minnha.

Jghid illi huwa kien jaf kemm lill-appellanti kif ukoll lil ta' Fenech ghaliex kien hemm diversi kawzi u rapporti bejniethom. Ikkonferma li Juanita Fenech waslet l-ghassa ghal habta ta' 12:00 p.m fuq rikjesta tieghu u dan sabiex huwa jkun jista' jinvestiga r-rapport f'aktar dettall. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx qallha li kienet taht arrest wiegeb li iva u mistoqsi jekk hux minnu li kien tkellem mal-Avukat difensur taghha, ghaliex kien raha stramba li bniedma taghmel rapport tispicca arrestata, jghid li seta' kien il-kaz li sar dan id-diskors. Mistoqsi jekk jarahiex stramba li huwa hareg l-akkuza fil-konfront tal-appellanti l-ghada li sar rapport minnha fil-konfront tieghu quddiem il-Police Board, jghid li dwar ir-rapport taghha fil-konfront tieghu ma kien jaf xejn ghaliex huwa kien gie mitlub jixhed quddiem il-Bord tlett xhur wara li gie pprezentat ir-rapport taghha. Ikkonferma illi meta ta' Fenech marru l-Ghassa huma marru b'din l-istess karozza u li huwa ha ritratt ta' din il-karozza BBK 813 sabiex jikkonferma jekk hiex l-istess vettura li kellha tidher fis-CCTV camera fil-filmat li nghata lilu minn Anton Falzon. Qal li huwa ried ikun jaf mhux jekk l-ahwa

Fenech kienu biha izda jekk kienux biha proprju fit-Triq Sienja u cioe' jekk kienx veru li marru biha wara d-dar taghha.

Fl-atti gew esebiti wkoll kopja tac-charge li harget fil-konfront tal-appellanti bid-data tat-23 ta' Novembru, 2010 fejn ic-charges huma identici ghal dawk moghtija fil-konfront tal-appellanti odjerna bhala l-akkuzi odjerni pero' l-akkuza nharget fis-17 ta' Novembru, 2010; kopja tar-rapport mahrug mill-Police Board dwar ir-rapport li sar fil-konfront tal-Ispettur Elton Taliana nhar is-6 ta' Settembru, mill-appellanti liema rapport huwa datat 28 ta' Lulju, 2011.

**Mario Fenech**, xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2011 u stqarr li ghandu diversi kazijiet mal-akkuzata u li f'wiehed minn dawn il-kazi kellu jghamel 17-il gurnata taht arrest preventiv fuq rapport falz. Jikkonferma li kien gie arrestat fil-11 t'Ottubru u gie rilaxxjat fis-27 ta' Ottubru. Nhar il-5 ta' Novembru, ghal habta tat-8:30 a.m. ircieva telefonata mill-Ghassa ta' B'Kara fejn talbu jinzel sa l-ghassa stante li kien hemm rapport kontrih. Mario flimkien ma huh Alex u l-mara ta' Alex nizlu l-ghassa u gie mistoqsi jekk telghax lejn H'Attard dak inhar filghodu. L-Ghassa gie mistoqsi fi x'hin hareg mid-dar u minn liema toroq ghadda fejn Mario Fenech stqarr li hareg mid-dar ghal habta tat-8:20 a.m. fejn ghabba forn fil-karozza BBK 813 peress li kien bil-hsara, u mar sal-ufficju. Cemplulu l-Pulizija u mar l-ghassa. Lejn H'Attard ma kellux ghalfejn imur specjalment meta kellu ordni mill-Qorti biex ma jmurx f'dawk l-ekwati. Wara li gie mitkellem mis-surgent 564, gie mitkellem ukoll mill-Ispettur Elton Taliana. Ikkonferma li wara li nghata l-helsien mill-arrest, mar jghix ma huh, il-mara ta' huh Angele u z-zewgt itfal taghhom gewwa B'Kara.

Ikkonferma wkoll li wara li saru diversi rapporti foloz, ma riedx jaghti lill-akkuzata cans tivvinta iktar fuqu u ghalhekk kull fejn imur, ikun hemm xi hadd mieghu. Inoltre jikkonferma li meta mar l-ghassa, mar bil-karozza BBK 813 biex l-Ispettur jara l-karozza u jiehu xi ritratti taghha, u sahansitra anke hadu xi rapporti ta' telefonati li kienu saru mid-dar ta' huh Alex Fenech fejn jikkonfermaw li fil-fatt Mario Fenech kien qieghed id-dar fil-hin li l-akkuzata qalet li ratu quddiem id-dar taghha.

**Alexander Fenech**, hu Mario Fenech jghid li hu u huh jahdmu f'kumpanija tal-familja. Jikkonferma li huh ghamel 17-il gurnata detenut gewwa Kordin u li wara li hareg minn Kordin mar joqghod mal-familja tieghu gewwa B'Kara stante li l-Qorti ghamlet kundizzjoni li Mario Fenech ma setax jersaq lejn id-dar matrimonjali. Jikkonferma wkoll li peress li l-akkuzata gieli ghamlet rapporti foloz fil-konfront ta' Mario, gieli segwitu u tghamel minn kollox biex jispicca l-habs, ix-xhud jipprova joqghod il-hin kollu ma huh Mario Fenech. Stqarr li fil-5 ta' Novembru, Mario rcieva telefonata mill-Ghassa ta' B'Kara sabiex imur l-Ghassa stante li kien hemm rapport fil-konfront tieghu li ghal habta ta' 8:05 a.m. dak inhar filghodu huwa kien ghadda minn quddiem id-dar tal-akkuzata u offendiha u qalilha kliem oxxen.

Ix-xhud flimkien ma huh ghaddew ghal mara tax-xhud u marru l-Ghassa fejn innegaw kollox stante li fil-hin tat-8:05 a.m. kienu ghadhom id-dar. Ikkonferma li meta hargu mid-dar, kienu xi t-8:20 a.m. u hargu b'vettura zghira bajda bin-numru ta' registrazzjoni BBK 813. Iktar tard dak inhar, intalab jerga' jinzel l-ghassa b'din il-vettura BBK 813 sabiex jigi mitkellem mill-Ispettur u sabiex l-Ispettur jara u jiehu ritratti ta' din il-vettura. Jikkonferma wkoll li ghal habta 8:02 a.m. tal-5 ta' Novembru, cempillu xufier li jahdem mal-kumpanija tal-ahwa Fenech u li huma sitt ahwa, u nfurmah li kien hemm klijent li ma kienux marru ghalih. Ix-xhud cempel lil huh Salvu li huwa nkarigat mit-taxi service fuq il-mobile izda kien *engaged* u ghalhekk cempillu fuq il-landline u kellem lil mara ta' Salvu. Mario Fenech kien il-hin kollu fil-prezenza tax-xhud Alexander Fenech tul din it-telefonata.

**Angela Fenech**, mart Alexander Fenech ikkonfermat li Mario Fenech hu zewgha ghamel 17-il gurnata detentut gewwa Kordin. Hija taf li wiehed mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest li kellu Mario Fenech huwa li ma jersaqx lejn l-akkuzata u t-tifel taghhom. Fil-fatt, hija kkonfermat li wara li hareg minn Kordin, Mario Fenech beda jghix magha flimkien ma zewgha u z-zewgt itfal taghhom gewwa B'Kara. Ziedet ukoll li kull fejn kienu qed jigu mistiedna hi u r-ragel taghha, Mario Fenech kien imur maghhom ukoll u dan minhabba li l-akkuzata gieli segwit lil Mario Fenech u gieli ghamlet rapporti foloz fil-konfront tieghu. Stqarret li dak inhar tal-5 ta' Novembru, hija nizlet ghal breakfast ghal habta ta' xi 8:10 a.m. fejn sabet lil Mario jiehu l-breakfast u r-ragel taghha jaqra l-gazzetta. Tikkonferma li sa dak il-hin hadd

ma kien hareg mid-dar. Ix-xhud stqarret illi ghal habta ta' 8:20 a.m. ir-ragel taghha u Mario hargu mid-dar biex imorru l-ufficju u hi harget maghhom peress li kellha microwave bil-hsara u xtaqithom imorru bih ghand il-Flamingo biex jissewwa, u biex izzomm milli jahrabilha l-qattus. Ghal habta ta' xi 8:50 a.m. ir-ragel taghha u Mario regghu gew lura d-dar u nfurmawha li jridu jinzlu l-Ghassa ta' B'Kara. Meta waslu l-Ghassa ta' B'Kara, is-surgent infurmahom li l-akkuzata ghamlet rapport fil-konfront ta' Mario u Alex li marru wara l-bieb tad-dar taghha jghajruha.

**Louis Fenech**, in-neputi ta' Mario Fench xehed nhar l-20 ta' Novembru, 2011 fejn ikkonferma li Mario Fenech qieghed jghix mal-familja tieghu gewwa B'Kara u ilu jghix maghhom mis-27 ta' Ottubru. Jikkonferma li fil-5 ta' Novembru, il-genituri tieghu qajmuh ghal habta ta' 7:45 a.m. peress li kellu jmur l-Universita' u ghal xi 8:10 a.m. nizel jiehu l-breakfast. Hemmhekk sab lill-ommu, missieru u zijuh jitkelmu. Missieru u zijuh telqu lejn l-ufficju u xi 8:25 a.m. telaq ix-xhud ghall-Universita'. Iktar tard huwa mar l-Ghassa sabiex jigi mitkellem mill-Pulizija.

**PS 564 Jeffrey Schembri,** spjega li fil-5 ta' Novembru, 2010 ghal xi 8:40 a.m. l-akkuzata marret tirraporta li aktar kmieni dak inhar u cioe' ghal habta tat-8:05 a.m. filwaqt li kienet hierga tarmi z-zibel mid-dar taghha gewwa H'Attard, rat karozza bajda bin-numru tar-registrazzjoni BBK 813 fejn ix-xufier kien ir-ragel taghha Mario Fenech u l-passiggier kien huh Alexander Fenech. Il-vettura naqset il-velocita' hekk kif waslet fejn il-grada tad-dar taghha u hekk kif waslet, Mario Fenech kellimha hazin u qalilha li t-tifel taghhom ma kienx se jixhed. Jghid li hekk kif telqet l-akkuzata, huwa cempel lil Mario Fenech biex jinzel l-ghassa sabiex jigi mitkellem, u bejn id-9:00 a.m. u l-10:00 a.m.Mario Fenech, huh Alexander Fenech u l-mara ta' huh Angela Fenech kienu qeghdin l-Ghassa ta' B'Kara. Mario Fenech innega li qatt ghadda minn H'Attard u kkonferma li huwa hareg mid-dar ta' huh ghal habta tat-8:20 a.m. biex imorru l-ufficju u sahansitra anke semma lis-surgent, it-toroq li ghaddew minnhom biex jaslu l-ufficcju. Alexander Fenech ikkonferma l-verzjoni ta' Mario Fenech u Angela Fenech filwaqt li kkonfermat din l-istess verzjoni ziedet li kienu Mario u Alexander biss li marru l-ufficju, izda hi baqghet id-dar. Ix-xhud ikkonferma li gew mitkellma f'daqqa. Inoltre, ikkonferma li gharaf l-akkuzata fl-

awla. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza mmarkata bhala Dok JS1 u tinsab a fol 50 et sequitur tal-process.

**Demaris Agius**, Data Request Administrator mal-Vodafone Malta Limited, giet mitluba taghti call profile kif ukoll localisation tan-numru cellular 99424098 ghad-data tal-5 ta' Novembru, 2010 ghal habta ta' bejn it-8:00 a.m. u t-8:02 a.m. u pprezentat document immarkat bhala Dok DA1 a fol 61 tal-process. Hija stqarret li n-numru 99424098 ircieva telefonata minn numru 99586002 u n-numru 99424098 bhala localisation kien qieghed B'Kara u rregistrat fuq Alex Fenech B'Kara, filwaqt li n-numru 99586002 huwa rregistrat fuq Percius Car Hire Limited, Lija. It-telefonata saret fit-8:02:19 a.m. Hija tghid li n-numru li rcieva telefonata kien qieghed B'Kara, bay station 3B izda kull bay station ikun hemm 3 panels u li allura kapaci ma bay station ta' B'Kara jaqbad per ezempju l-Isla.

**Damaris Agius,** riprodotta u mistoqsija tghid x'numri ohra ghandha l-kumpanija Percius, tghid li huma s-segwenti:
"99586001, 99586002, 99586003, 99586004, 99586005, 99586006, 99586007, 99438833, 99478833, 99424098, 99884049"

Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok DA2. Mitluba taghti l-localisation taghhom bejn it-8:00 a.m. u t-8:30 a.m. tghid illi minhabba n-numru ta' variables li hemm ma tistax tkun cert mija fil-mija dwar liema bay station it-telefonata tkun qabdet. Hija pprezentat dokument li jinsab inserit a fol 91 et sequitur dwar localisation ta' dawn in-numri tat-telephone.

**Michelle Penza,** rapprezentant tal-Vodafone xehdet dwar triangulation partikolari li saret dwar telefonata nhar il-5 ta' Novembru, 2010 ghal habta tat-8:00 a.m. b'mod partikolari ta' fejn saret din it-telefonata. Ikkonfermat illi t-telefonata saret minn fuq in-numru 99424098 fil-5 ta' Novembru, 2010 f'8:02 a.m. waqt li c-cellulari kien gewwa B'Kara wara l-Mithna proprju hdejn il-Kullegg ta' San Alwigi. Hija esebiet din it-triangulation u giet immarkata bhala Dok MP1 u ghamlet cirku fil-madwar fejn harget it-telefonata. Tghid illi fil-fatt din it-triangulation ma gietx mahduma

minnha u dwar il-kontenut ta' din it-triangulation ma kienet taf xejn iktar salv li tinhadem minn dipartiment partikolari gewwa l-Vodafone.

**Mario Cordina,** radio networks engineer mal-Vodafone, ipprezenta enlarged copy tad-dokument MB1 liema dokument gie mmarkat bhala Dok MC1 a fol 145. Huwa kkonferma li t-telefonata saret waqt ic-cellulari kien bejn il-knisja ta' Santa Teresa u dik ta' San Guzepp B'Kara. Muri d-dokument esebit fl-atti a fol 25 tal-process, jghid illi t-telefonata in kwistjoni sehhet nhar il-5 ta' Novembru, 2010 bi precizjoni 8:02:19 a.m. u effettivament illi kien in-numru 99586002 li rcieva t-telefonata.

**Charmaine Galea Triganza**, rapprezentanta tal-GO plc, spjegat illi kienet mitluba x'telefonati kien hemm minn numru 21495151 irregistrat fuq Alex Fenech ghal 21436901 irregistrat fuq Saviour Fenech, fil-5 ta' Novembru, 2010. Spjegat illi lejn in-numru 21466901 kien hemm telefonata wahda li saret fit-8:03 a.m. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok CGT1 u jinsab a fol 70 tal-process.

**Maria Fenech**, hija mart Saviour Fenech li huwa hu Alexander u Mario Fenech. Ikkonfermat li n-numru tat-telephone tad-dar taghhom huwa 21436901 u li jghixu gewwa H'Attard. Hija tikkonferma li tgharaf lill-akkuzata bhala l-mara ta' Mario Fenech, hu r-ragel taghha. Spjegat li fil-5 ta' Novembru, 2011 ghal habta tat-8:05 a.m. ircevew telefonata u dan tiftakru ghaliex hi tkun trid tmur l-iskola u r-ragel taghha iwassalha u meta ghalhekk daqq it-telephone, inhasdet. Tikkonferma li kien Alexander Fenech, hu r-ragel taghha li cempel fuq il-landline.

**Charles Buttigieg**, driver mal-Percius Car Hire stqarr illi fil-5 ta' Novembru, 2010 ghal habta tal-6:45 a.m. u ghal habta tat-8:00 a.m. cempillu Mr. Robertson klijent tal-Percius Garage fejn qallu illi ma kienux marru ghalih bil-karozza u ghalhekk infurma lil Alex Fenech, dak li rrapportalu Robertson u s-sur Fenech li kien se jirranga jiehu hsieb kollox hu. Qal illi huwa uza t-telephone cellulari ta' Alex Fenech bin-numru 99586002. Huwa kkonferma li kien cempel lil Alex Fenech fuq in-numru 99424098 waqt li kien fil-karozza qed jiehu klijent l-Airport. Ikkonferma li kien ilu jahdem mal-Percius ghal erba' xhur. Mistoqsi jekk jafx lil Mario Fenech, jghid li jafu u huwa d-Direttur, hu Alex Fenech u Direttur bhalu. Jghid illi fil-fatt Mr. Robertson

jghix Hal-Lija u kellu jigi migbur minn hemmhekk u mistoqsi jekk is-socjeta' Percius tuzax mobiles ohrajn wiegeb li ghandhom diversi mobiles pero' huwa dejjem juza l-istess set.

**Brian Farrugia,** rapprezentant Transport Malta ikkonferma illi l-vettura BBK 813 (minkejja li fit-typing hemm miktub DBK 813) hija vettura tal-ghamla Suzuki Alto ta' kulur abjad registrata f'isem is-socjeta' Percius Car Hire u li bhala direttur huwa Frank Fenech u ilha registrata mill-21 ta' Marzu, 2005 u dan kif jidher mid-dokument BF1 esebit fl-atti (fol 83).

**Veronica Grech,** registratur tal-Universita' ta' Malta kkonfermat li l-appellanti kkwalifikat mill-Universita' ta' Malta b'Diploma ta' Prokuratur Legali fis-17 ta' Novembru, 1994 u f'Social Legal Studies.

**Anton Falzon,** jghid illi f'Novembru, 2010 kienu marru ghandu l-Pulizija u talbuh jaghtihom xi filmat minn CCTV camera li ghandu mwahhal mad-dar li tikkaverja Triq is-Sienja u kienu talbuh hin partikolari bejn is-7:30 a.m. u t-8:30 a.m. Qal illi meta ghamel il-filmat minnufih induna li kienu qalbu s-siegha u ghalhekk fil-filmat hemm siegha differenza ghaliex ir-recorder kien ghadu jidher bil-hin tas-Sajf. Huwa kkonferma li jghix H'Attard u l-footage ittiehed mis-CCTV camera tad-dar tieghu li tinsab kantuniera bejn Triq is-Sienja u Triq il-Linja pero' l-filmat jaghmel referenza biss ghal Triq is-Sienja. Mistoqsi min jissettja l-hin fuq is-CCTV camera tieghu, jghid li huwa jaghmel dan pero' l-korrettezza tal-hin hija manwali u mhux awtomatika bhal per ezempju kif hemm fuq il-mobile phones u ghalhekk kollox isir skont il-korrettezza tal-arlogg tieghu. Mistoqsi jekk huwa jafx lil Mario Fenech, jghid li jafu di vista ghaliex gieli jkun hdejn il-Percius li jinsab xi ghoxrin minuta boghod mixi minn fejn joqghod hu. Mistoqsi jekk jiftakarx il-jum in partikolari ta' dan il-fatt, jghid li ma jiftakrux minkejja li kien xi jumejn qabel ma kelmuh il-Pulizija.

**L-akkuzata** rrilaxxjat stqarrija fil-5 ta' Novembru, 2010 fejn hija kkonfermat li ma tahdimx. Hija tghid li ghamlet ir-rapport mal-Pulizija li r-ragel taghha, Mario u huh ghaddew mit-triq taghha, Triq is-Sienja, Attard izda dan ma kienx minnu stante li fil-fatt kienet rat lil Mario u huh fil-pjazza ta' Hal-Balzan fejn l-HSBC. Filwaqt li hija

kienet qed issuq gewwa Hal Balzan, meta harset fil-mera tal-karozza biex tara min kien hemm warajha, innutat li fil-karozza bajda ta' warajha, bin-numru ta' registrazzjoni BBK 824, kien hemm dan Mario u huh u ghalhekk dahlitha go rasha li dawn kienu qed isegwuwha. Hija kkonfermat li marret tghid lil genituri taghha li dan Mario offendiha u anke semmielha t-tifel taghha u kien ghalhekk li l-ewwel ghamlet kuntatt ma Dr. Thake umbghad tkellmet anke ma Dr. Giglio fejn dawn iz-zewg avukati tawha parir li tkellem lill-Pulizija. Hija tikkonferma li ma hux minnu li Mario u huh offendewha u ma hux minnu li ghaddew mit-triq taghha f'H'Attard. Hija qalet dan kollu sforz il-biza' li thoss fil-konfront ta' Mario stante s-swat kollu li qalghet minghandu. Hija tikkonferma li taf li ghamlet rapport falz, izda ma kienitx taf li b'konsegwenza ta' dan ir-rapport falz, Mario seta' jmur il-habs. Hija kull ma riedet li l-Pulizija jammonuh.

Illi nhar l-10 ta' Jannar, 2013 l-appellanti xehdet minn jedda b'mod volontarju u spjegat illi hija tinsab ghaddejja minn procedura ghas-separazzjoni minn ma zewgha u li sahansitra anke hemm kumpilazzjoni fejn zewgha Mario Fenech huwa akkuzat li kkagunalha feriti ta' natura gravi u li zewgha kien jinsab igawdi mill-liberta' provizorja bil-kundizzjoni li ma javvicinahiex. Tispjega illi fil-5 ta' Novembru, 2010 hija kienet harget tixtri ftit qabel it-8:00 a.m. pero' ma setghetx tkun preciza bil-hin ghaliex ma kienitx tilbes arlogg ghaliex idejha kienet fil-gibs. Spjegat illi jumejn qabel kienet giet operata. Kienet marret Hal Balzan tixtri u meta dahlet fil-karozza taghha dehrilha li rat karozza ohra zghira bajda b'Mario Fenech go fiha. Dak il-hin ma kienitx certa. Ratu li kien warajha pero' sakemm waslet id-dar ma ratux aktar. Meta mbghad harget bil-garbage bag, rat din il-karozza bajda niezla fit-Triq u giet parallel maghha. Go fiha taf li rat lil Alex Fenech u Mario Fenech kellimha hazin.

Ikkonfermat li hija toqghod fit-Triq is-Sienja u l-vettura kienet nizla mit-Triq Dun Victor Vassallo, niezla fit-triq taghha. Hija kienet mifxula, dahlet gewwa, hadet in-numru ta' registrazzjoni li kien BBK 813 u rat li l-vettura kellha sticker tal-Percius, cemplet lil missierha u qabdet il-karozza u nizlet. Missierha beda jikkonvciha biex tghamel rapport izda hija ma xtaqitx ghaliex ma kellhiex fiducja fil-Pulizija ta' B'Kara. Qalet li missierha kien ghadu kemm gie lura mill-quddies tat-8:00 a.m. u li huwa joqghod bieb ma bieb mal-Palazz ta' San Anton, tlett minuti l'boqghod mid-

dar taghha. Tghid li cemplet ukoll lill-Avukat Dr. Giglio u wara wkoll lil Dr. Thake u kkonfermat li l-Avukati taghha t-tnejn qalulha biex tmur tghamel rapport minkejja li hi ma rieditx. Qalet li nizlet l-Ghassa, ghamlet rapport wahehda u wara marret lura ghand ommha. Ghal habta tal-11:00 a.m., 11:30 a.m. tghid li baghat ghaliha l-Ispettur Elton Taliana ghaliex kienet irceviet telefonata mill-Ghassa ta' B'Kara u marret l-Ghassa u l-Ispettur mill-ewwel qallha li kien sejjer izommha taht arrest ghaliex ma kienitx qed tghid il-verita'. Beda jghidilha li kellu filmat u beda jghidilha kliem bhal "*miskin Mario*".

Mistoqsija jekk ratx lil zewgha u lil huh l-Ghassa dak inhar, tghid li ma rathomx. Stqarret illi l-interrogazzjoni damet xi hdax-il siegha u li sahansitra kienet giet mehuda l-policlinic darbtejn. Umbghad tghid li ghal habta ta' l-10:00 p.m. l-Ispettur rega' baghat ghaliha waqt li kienet ghadha taht arrest u beda jghidilha biex tghidlu l-verita' u li fil-fatt setghet tehel biss *suspended sentence*. Dak il-hin riedet tehles minnu. Mistoqsija jekk ratx xi CCTV tghid li ma ratx u tghid li pprova jikkonvinciha li setghet kienet zbaljata. Qalet li hija giet rilaxxjata ghal habta tal-11:30 p.m. wara li gieghlha tammetti li kienet ghamlet rapport falz u wara li ammettiet tghid illi l-attitudni tieghu nbidlet. Mistoqsija jekk kienitx rat din il-karozza qabel dak inhar, tghid illi iva seta' kien il-kaz.

In kontro-ezami tghid jekk hux minnu li fl-istqarrija ikkonfermat li ma kienx zewgha li rat quddiem id-dar taghha, tghid li mhux hekk qalet. Tghid illi fil-fatt seta' ma kienx hu u li fil-fatt setghet rat hazin. Murija l-istqarrija taghha a fol 3 tal-process, tikkonferma illi l-firma fuqha hija taghha. Mistoqsija tispjega ghaliex qalet li giet imgieghlha tghamel dik l-istqarrija, tghid illi l-Ispettur beda jghidilha li kellu CCTV u minkejja li hi kienet taf li ma jistax ikun, qalet li l-Ufficjal tal-Pulizija qallha li setghet tehel biss suspended sentence. Spjegat illi hija qatt ma xtaqet tghamel ir-rapport originali li ghamlet minkejja li fl-ahhar mill-ahhar ghamlitu. Mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd li gieghlha taghmel ir-rapport originali tghid illi hadd ma gieghlha pero' "*they played a big part in it, jigifieri kemm missieri, kemm Dr. Thake u kemm Dr. Giglio*". Tghid li ma kienitx konvinta biex tghamel ir-rapport pero' marret taghmlu ghax "*it was the only thing to do*". Qalet illi l-istqarrija ghamlitha taht pressjoni tal-Pulizija b'idejha miksura u taht l-effett ta' pilloli u ghamlitha biss biex

tehles mill-Pulizija u mistoqsija tispjega minn fejn gabet id-dettalji li tat fl-istqarrija fosthom in-numru tal-karozza, minn fejn ghaddiet u li l-ahwa Fenech ma ghaddewx minn quddiem id-dar taghha, li rathom fil-pjazza ta' Hal Balzan biss, tghid illi huwa minnu li kienet marret fil-pjazza tixtri l-hobz u li rat karozza pero' dak il-hin ma kienitx ghadha taf in-numru taghha.

Ikkonfermat li fil-passatt kienet ghamlet diversi rapporti l-Ghassa fil-konfront ta' Mario Fenech u li sahansitra darba minnhom pendenti quddiem din il-Qorti kien hemm tnejn u tletin kaz, hafna minnhom kienu saru minnha. Illi kkonfermat li xehdet kemm f'proceduri civili u kemm f'dawk kriminali. Ikkonfermat li waqt l-istqarrija rilaxxjata minnha sarulha theddid fis-sens illi meta l-Ispettur uza l-kliem "*miskin*" fil-konfront ta' Mario Fenech, dak ghaliha kien theddid mentali. Qalet ukoll li vjolenza ma ntuzatx apparti dik mentali.

**Jaima Borg Cardona**, hu l-appellanti xehed u kkonferma illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010 huwa kien wassal lil ohtu l-appellanti l-Ghassa ta' B'Kara u waqt li kien qed jistenniha l-Pulizija qaltlu li kienu ser izommuha arrestata. Mistoqsi jekk kienx jaf ir-raguni ghaliex wassal l-ohtu l-Ghassa, jghid li ma jafx u kien gie mitlub jiehodha l-Ghassa flok jiehodha missieru. Dan kien ghal habta tas-1:00 p.m. Qal illi dak il-hin meta gie nfurmat illi ohtu kienet se tinzamm arrestata, cempel lil missieru u missieru nizel l-Ghassa ghaliex xtaq jaghmel rapport. Ghamlu rapport u talbu biex ikellmu lill-Ispettur Taliana u tellaghhom fl-ufficju tieghu u dan qallhom li kien zammha arrestata biex jara jekk tbiddilx il-verzjoni taghha tar-rapport li kienet ghamlet. Huwa qal lill-Ispettur li kellu jzomm lil Mario arrestat ukoll u fil-pront l-Ispettur qallu li ma kienx ser jaghlmu kif kien ser jaghmel xoghlu.

Xehed ukoll li darba minnhom kien sab lil ohtu mitlufa minn sensiha mal-art u fil-prezenza tal-Pulizija bdiet tghidilhom biex ma jhallux lil Mario Fenech imur hdejha. Mistoqsi kif spicca l-incident tal-5 ta' Novembru, jghid illi minn dak li jiftakar l-appellanti ntbghatet id-dar l-ghada pero' ma jafx fi x'hin marret id-dar ghaliex huwa ma jghix maghhom id-dar pero' fil-fehma tieghu zgur li ghamlet lejl id-Depot.

Mistoqsi x'rapport ried jghamel missierha dak inhar, jghid illi missierha ried jirrapporta incident li kien sehh aktar kmieni filghodu pero' li ohtu ma kienitx tghamel dan ir-rapport kieku ma kienx hemm dan l-isforz. U jafu dan ghaliex ohtu bdiet tinsisti mieghu illi missierha ried li hija tghamel rapport. Mistoqsi jekk ippruvax jinfluwenzaw fuq l-arrest t'ohtu, tant li anke semmghu xi ufficjali tal-pulizija, jghid li ma jiftakarx pero' ma jichadx li fil-fatt semma f'xi hin lill-Assistent Kummissarju waqt it-theddida li kellhom mal-Ufficjal l-ispettur Elton Taliana. Qal ukoll li jiftakar illi damet arrestata dak inhar tal-5 ta' Novembru, 2010 sal-ghada sat-8:00 a.m. u dan jafu ghaliex qaltlu ommu. Mistoqsi jekk dak l-incident li xehed dwaru fejn instabet mitlufa minn sensiha mal-art kienx l-incident fejn l-appellanti ppruvat tikkommetti suwicidju u kienet hi stess li cemplet id-dar ta' ommu biex tirrapporta x'kienet ghamlet, jghid li kull ma jiftakar hu li ommu talbitu imur id-dar ta' ohtu biex jara jekk kienx gralha xi haga, jghid li mar pero' jekk kienx kwistjoni ta' suwicidju ma jafx. Pero' huwa minnu li huma dahlu fid-dar wara li kien tahom access Mario Fenech li kien barra.

**George Borg Cardona**, missier l-appellanti xehed u spjega illi dak inhar tal-5 ta' Novembru kien mar il-quddies il-Kappella ta' San Anton tat-8:00 a.m. u wara l-quddies kien mar id-dar ghal habta tat-8:30 a.m. u sab lit-tifla tibki, tirtoghod, imwerwra u staqsiha x'kien gralha. Jghid li ghall-ewwel daqs kemm bdiet tirtoghod ma setghetx tkellmu izda wara li kkalmat qaltlu x'kien gara u cioe' li kienet harget mid-dar u kienu ghaddew zewgha Mario Fenech u huh minn quddiem id-dar taghha u heddewha u qalulha "*issa jixhed it-tifel*". Il-kwistjoni kienet li ma riedux it-tifel jixhed f'kawza fejn kien xhud ta' vjolenza domestika li kellu pendenti Mario Fenech fil-konfront tal-appellanti. Huwa ghalhekk kien qallha biex tghamel rapport l-Ghassa pero' ma riditx ghaliex ma kellhiex fiducja fl-Ghassa ta' B'Kara pero' cio nonostante finalment marret u ghamlet dan ir-rapport. Jaf ukoll illi cemplet lill-Avukati taghha u dawn tawha parir biex tmur tghamel rapport l-Ghassa u fil-fatt marret. Jghid illi kien wassalha ibnu l-Ghassa u wara ftit kien ircieva telefonata minghand ibnu illi l-appellanti kienet ser tinzamm l-Ghassa taht arrest. Huwa mar l-Ghassa u xtaq jghamel rapport fis-sens illi bintu kienet tkelmet mal-Avukat u dan qallha li kellha dritt tghamel rapport.

Ikkonferma illi bintu ghamlet ir-rapport fuq suggeriment tieghu u wara li kienet hadet parir minghand l-Avukati taghha. Huwa kien ukoll tkellem mal-Ispettur u qallu li ma kienx kaz li bintu tigi arrestata ghaliex ma kienx kaz ta' rapport falz, tant illi lanqas xtaqet fil-fatt tghamel ir-rapport originarjament. Jghid illi l-Ispettur qallu li kellu l-provi li r-rapport taghha kien wiehed falz. Ikkonferma li beda jirreferi ghal Mario bil-kelma "*miskin*" u li kien se jitlef il-plegg peress li kien taht arrest preventiv. Qal li pero' huwa ma kienx prezenti meta t-tifla rrilaxxjat l-istqarrija taghha. Jghid li dak inhar tal-arrest taghha hija waslet id-dar ghal habta ta' nofs il-lejl u spjegatlu dak li kienet ghaddiet minnu. Huwa pprezenta kopja tal-okkorrenza dwar ir-rapport li kien ghamel dak inhar l-Ghassa u cioe' fejn spjega dak li xehed dwaru l-Qorti. Dan jinsab esebit fl-atti a fol 299 immarkat bhala Dok GAC1. Qal li wkoll kien ipprezenta rapport quddiem il-Police Board ghan-nuqqas ta' serjeta' li kien hemm f'dawn il-proceduri fejn il-Bord anke sab li bintu kellha ragun.

**George Borg Cardona,** riprodott, ikkonferma u esebixxa pjanta tal-lokalita' li tindika l-akkwata li ghandha x'taqsam mal-incident proprju fejn toqghod bintu, gewwa Triq is-Sienja Attard. Indika wkoll fejn kien hemm il-cameras fuq id-dar Rose Cottage, fit-Triq il-Linja fejn specifika illi mhux minnu li dawk il-cameras setghu jigbdu xi ritratti ta' Triq is-Sienja ghaliex fil-fatt jippuntaw lejn Triq il-Linja. Esebixxa wkoll ritratt tal-villa Rose Cottage, immarkat bhala Dokument GBC3 a fol 333 u pjanta fejn hemm indikat il-villa tal-appellanti f'tard it-Triq is-Sienja u ndika fejn allegatament kienu nstallati s-CCTV mal-faccata tad-dar Rose Cottage.

**Dr. Giglio**, xehed ukoll fis-16 ta' Mejju, 2013 u kkonferma illi Juanita Fenech kienet cemplitlu u qaltlu li kienet rat lil zewgha Mario Fenech u persuna ohra fil-vicinanzi ta' darha meta hu kien jaf li Mario Fenech inghata l-liberta provizorja u ma kellux javvicina lill-appellanti. Kien issuggerilha li ghandha tmur tghamel rapport l-Ghassa u hekk ghamlet. Sussegwentement, ircieva telefonata fejn gie nfurmat li l-appellanti giet mizmuma l-Ghassa u kienet tinzamm taht arrest u kien gie nfurmat illi l-appellanti kienet ezercitat il-jedd taghha li tikkonsulta ma Avukat. Huwa kien tkellem maghha u kien taha parir biex tghid il-verita' u kienet talbitu jekk kellhiex tghid lil pulizija li ma xtaqitx fir-realta' taghmel dan ir-rapport u huwa kien qallha biex tghid dak kollu li kellha tghid. Jaf illi aktar tard kien cempel lill-Ispettur u

staqsih kif kienet baqghet u qallu li kienet arrestata u qallu li kellu alibi li f'dak il-hin fejn hija qed tghid illi zewgha kien quddiem dahra fit-Triq is-Sienja Attard, irrizultalu li huwa kien id-dar gewwa dahru u li kien ircieva xi telefonati u sahansitra anke ghandu xi filmati ta' CCTV camera. Huwa fil-fatt jghid li kien tkellem mal-Ispettur u ma kienx kuntent mill-manjiera kif mexa f'din l-investigazzjoni u l-Ispettur qallu biex ma jindahhallux fl-investigazzjoni tieghu. Jghid ukoll illi f'hin minnhom tilef il-kontroll ghaliex l-Ispettur Taliana qallu "*miskin Mario ha jitlef il-plegg*". Dak il-hin, qallu li jiddispjacih kif kien kellmu u li d-dispjacir tieghu kien li t-telefonata ma kienitx irrekordjata. Dak il-hin l-Ispettur wiegbu li ma kellux problemi li l-konversazzjoni tkun *recorded*. Jaf li gholla lehnu mal-Ispettur izda t-telefonata waqfet hemm. Jaf li ftit minuti qabel nofs il-lejl, ircieva sms minghand l-appellanti fejn gie mgharraf li kienet giet rilaxxjata. Jaf ukoll li in segwit kien anke akkumpanja lill-appellanti biex tixhed quddiem il-Police Board fejn anke taha x-xhieda tieghu.

Ikkonferma illi l-proceduri quddiem il-Police Board gew inizzjati fuq talba ta' Juanita' Fenech pero' ma kienx hu li pprezenta r-rapport ghaliex ma hassx li kellu jasal s'hemm.

**Dr. Stephen Thake**, xehed u kkonferma illi Juanita Fenech kienet ghamlet rapport illi zewgha flimkien ma hadd iehor lejn l-ahhar ta' Ottubru, bidu ta' Novembru, 2010 kienu qeghdin fil-vicinanzi tad-dar taghha u kien issuggerilha li kellha tmur tirraprorta lill-Pulizija.

Rat it-trattazzjoni traskritta fl-atti li saret fis-17 ta' Jannar, 2017 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat ukoll il-verbal datat 31 ta' Jannar, 2018 fejn il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti kif traskritti u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din

il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**"[1]; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**"[2]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [3]; "**Il-Pulizija vs.Anthony Zammit**"[4] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v.Cooper"**[5]**-**

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determinesthe appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

---

[1] Deciza nhar it-12 ta' Mejju, 1994
[2] Deciza nhar l-14 ta' Frar, 1989
[3] Deciza nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[4] Deciza nhar il-21 ta' Mejju, 1991
[5] [1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** [7] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta.... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju ... , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat ilkomportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory"* ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, huwa assodat li:

1. Nhar il-5 ta' Novembru, 2010 ghall-habta ta 8.40 a.m l-appellanti marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' B'kara ghand PS 564 Geoffrey Schembri li ghall-habta tat-8.00am harget barra d-dar taghha bil-borza taz-zibel u meta kienet hdejn il-gate tghid li rat vettura ta' kulur abjad numru ta'

[7] Deciza nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

registrazzjoni BBK 813 fejn allegatament fiha kien hemm ir-ragel taghha Mario Fenech, flimkien ma huh Alex.

2. Tirraporta li din il-vettura waqfet u zewgha qallha *"foxx kemm ghandek issa jixhed it-tifel "* u baqa sejjer.

3. L-appellanti tghid ukoll li ma xtaqitx taghmel rapport izda kien missierha u l-avukati taghha u qalulha biex tirraporta l-kaz ghaliex zewgha ghandu kundizzjoni fid-digriet tal-liberta provisorja tieghu li ma ghandux javvicina lil martu u lil ibnu.

4. Illi l-pulizija tkelmu kemm ma Alex kif ukoll ma Mario ahwa Fenech u t-tnejn kkonfermaw li dan ir rapport kien inveritier u ma kellux mis-sewwa u taw spjegazzjoni lill-pulizija ghaliex dak mistqarr ma kienx minnu.

5. Illi in segwitu l-pulizija baghtet ghall-appellanti sabiex tara jekk kienitx ser tinsisti fuq ir-rapport taghha stante li rrizultalha prima faccie li kien falz.

6. Gara li l-appellanti in segwitu li inghatat id-dritt li tkellem avukat u fil-fatt esercitat dan id-dritt kkonfermat li r rapport taghha ma kienx vertier.

7. Tghid li rrapurtat dan il-kaz lill-pulizija ghaliex kienet ghada kemm ratu kienet imwerwra minnu u forsi immaginat.
8. Tispjega f'aktar dettal fejn kienet ratu u cioe Hal Balzan fil-pjazza hdejn il-bank tal-HSBC .

9. Tghid li fil-fatt hadet in-numru tal-vettura ta' zewgha dak il-hin waqt li hija minkejja li kienet ghada kemm giet operata u kellha idejha fil-gibs kienet qed issuq il-vettura taghha EBK 637 .

10. Tghid ukoll li rathom mill-mera u dahlet f'rasha li kienu ser jibqghu jiffolowjawha.

11. Tghid ukoll fir -rigward l-iskuza li tat li rat lil zewgha meta harget iz-zibel fil-fatt tispjega li z-zibel kienet hargitu qabel it.8.00a.m qabelma harget mid-dar biex tmur tixtri.

12. Kkonfermat ukoll li l-istorja taghha kienet wahda immaginarja u qalitha kemm lil missierha kif ukoll liz-zewg avukati taghha Dr Giglio u Dr Thake.

13. Mistoqsij jekk kienitx taf li kien rapport falz tghid li kienet taf u li hasbet li l-pulizija kienet ser tamonixxi lil zewgha u mhux li seta jmur il-habs.

L-avukat difensur fir-rikors tal-appell tieghu jistqarr li l-appellanti ma kellhiex fiducja fil-pulizija tad-distrett ta' B'Kara minhabba esperejenzi antecedenti u kien ghalhekk ghaliex kienet reluttanti li taghmel ir-rapport taghha u kien biss wara li tkelet ma misierha u l-avukati taghha li waslet li ghamlet r rapport taghha. Ghalhekk donnha d-difiza ssostni li r-rapport taghha ma kienx wiehed spontaneju. Kwantu ghall-kwistjoni ta' spontaneita', il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid Francesco Antolisei dwar ir-reat ta' kalunnja: "*Non e` necessario che la denunzia sia spontanea. Risponde, pertanto, di calunnia l'imputato che accusi un innocente nel corso di un interrogatorio.*"[8]

Fil-fatt tghid li giet trattata hazin tant li pprezentat rapport quddiem il-Police Board u r-rizultat ta' dan il-Bord kien li kien u cioe' li rrivendika. Tghid li minkejja dan l-ewwel Qorti skartat il-konkluzjoni hemm raggunti u ghalhekk f'dan ir-rigward tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Jinghad f'dan ir-rigward li l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li skartat dak ir-rapport u dan ghaliex hija bbazat ir-raggjonament taghha a bazi tal-provi migjuba quddiemha u cioe a bazi tax-xhieda mismugha minnha u ghamlet sewwa li ma strahitx fuq konkluzjoni raggunta minn Bord fuq il-provi li kellu hu quddiemu. Mhemmx dubbju li fi proceduri penali l-ahjar prova hija dik moghtija viva voce quddiem l-akkuzata. Il-fatt li hija ghazlet li ma zzommx ferm max-xewqa taghha li ma tirraportax il-kaz li wara kollox hi biss taf minn x'hiex ghaddiet jew ahjar x'rat dakinhar u minflok tabbraccja l-hsieb jew xewqa ta' missierha kif konfermata mill-avukati taghha. Wara

[8] Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale,Vol. II, p. 771 (Giuffre, 1966).

kollox d-decizjoni kienet taghha u ghalhekk hija hi BISS li trid terfa' r-responsabilita' taghha.

L-appellanti fir-rikors taghha tinsisti li hija imbezza minn zewghha u kien ghalhekk li ghamlet li ghamlet u tghid li hi vittma ta' vjolenza domestika. Fl-istess hin tallega li zewgha hu habib tal-ufficcjal prosekutur u li ghalhekk il-proceduri ma mxewx tajjeb. Fil-fatt tilmenta li spiccat arrestata. Mill-provi jirrizulta li l-ufficcjal prosekutur ghamel l-investigazzjoni u wara li kien konvint li kien rapport falz u dan ghaliex kien gia ghamel l-investigazzjoni tieghu kien baghat ghaliha u zammha u kienet l-istess appellant li rrilaxjat stqarrija fejn stqarret li r-rapport li kienet ghamlet kien inveritier . Ghalhekk din il-Qorti thoss li kellu ragun l-ufficcjal prosekutur izommha arrestata u jinvetiga lilha kif del resto ghamel. Jidher kuntrarjament ghal dak li stqar ruha bil-gurament li l-appellanti giet rilaxxjata dak in-nhar stess filghaxija u mhux l-ghada filghodu fit-tmienja.

Id-difiza ssostni li x-xhieda ta' Mario Fenech mhix korroborata minn hadd iktar salv minn membri tal-familja tieghu stess. Jinghad li fil-proceduri kriminali ma hemmx bzonn ta' korroborazjoni. Ghaliex xhud wiehed jekk emnut hu bizzejjed.

Il-Qorti rat wkoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni u fil-fatt jghid s-segwenti:

*"the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide **Rex v Bezzina** - Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944) what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide **Rex v Cuschieri** deciza 30 ta' Marzu, 1915) confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide **Police v Sammut** deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali).*

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva

tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?*

Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration*."

Illi f'dan ir rigward il-Qorti rat li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu kollha diretti lejn direzzjoni wahda u cioe' li r-rapport li ghamlet l-appellanti nhar il-5 ta' Novembru kien inveritier. Isssa b'dak li stqarret l-appellant fil-konfessjoni taghha jikkolobora t-tezi tal-Prosekuzzjoni u cioe li r rapport kien falz.

Illi l-mizura tar-regolarita' o meno ta' konfessjoni tal-imputat jew akkuzat hija dik stabbilita mill-Artikoli 658 sa 661 tal-Kodici Kriminali. Illi huwa ghalhekk pacifiku li:

"*tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarr kemm-il darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew bit-twebbil*."

In oltre:

*"Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra"*.

Illi tali rigorozita' ghalhekk tikkostringi lill-Gudikant li jeskludi kwalunkwe evidenza mhux kolpita b'dan il-mod biex b'hekk mhux biss tirrivendika akkuzata li tkun sottomessa ghall-proceduri odjuzi ta' natura kriminali unikament fuq din il-bazi, izda wkoll biex taghti messagg car lill-forza pubblika biex fl-esekuzzjoni tad-

dmirijiet u libertajiet tal-individwu espressament sanciti fl-ordinament guridiku Malti.

Din tidher li hija l-istess posizzjoni fl-Ingilterra kif jirrizulta mis-sentenza **Ibrahim vs The King**[9]:

"*No statement by an accused is admissible in evidence against him unless it is shown by the prosecution to have been a voluntary statement, in the sense that it has not been obtained from him either by fear or prejudice or hope of advantage exercised or held out by a person in authority or by aggression.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-**artikolu 658** tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment:

"*Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm wkoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra minn ikun stqarriha kemm il-darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.*"

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Camilleri**[10] fejn kien gie ritenut hekk:

"*Huwa opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' minn ikun qed jigi interrogat mill-Pulizija huwa fakultattiv fis-sens li dan m'ghandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi ghal domandi posti lilu mill-Pulizija. Minn dan jirrizulta li l-principju fundamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja, u mhux spontanea sabiex ikollha valur probatorju.* "

L-oneru tal-prova li tali stqarrija saret volontarjament jaqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra.

[9] Mghotija minn Lord Sumner 1914
[10] Mghotija nhar id-9 ta' Ottubru, 1998

Il-Prosekuzzjoni ghandha taghti prima facie evidence tal-esistenza ta' dan ir-rekwizit u malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarju jigi spustjat ghal fuq l-imputat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-precitat **artikolu 658** tal-Kap 9.

Illi fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulziija v James Gulliamier**[11]' gie wkoll konfermat li:

"*Dan ma huwa xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fundamentali fis-sistema legali li min qed jallega fatt irid jippruvah, izda ma jfissirx ossia m'ghandux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi ippruvat ir-reat hu in-nexus bejn ir-reat u l-imputat jigi spustjat ghal fuq l-imputat, dan dejjem jibqa fuq il-Prosekuzzjoni tul il-process kollu. Izda jekk akkuzat bi sforz sabiex jindebolixxi l-provi tal-Prosekuzzjoni, jallega certi fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawn il-fatti.*"

Fl-appell fl-ismijiet il-**Pulizija v Frances Spiteri** (Vol XLIII pg. 1061) deciz mill-Imhallef William Harding il-Qorti qalet hekk:

"*Per regola il-prova tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, imma meta tkun ghamlet prova prima facie, allura l-prova kuntrarja tigi riversata fuq id-difiza partikolarment meta si tratta ta' prova which lies peculiarly within the knowledge of the accused. Fi kliem iehor meta d-difiza tissoleva l-punt tan-non volontarjieta` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat f'tali kaz hija tkun assumiet l-obbligu li tressaq provi sufficjenti in sostenn tat-tesi taghha izda qatt ma jkun rikjest mill-istess imputat li l-provi minnu prodotti jistabbilixxu bla dubju ragonevoli t-tesi tieghu. Kull m'ghandu jaghmel l-imputat huwa li jressaq provi sufficjenti biex jiggenera dubju ragonevoli fil-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni, f'liema kaz imbaghad l-oneru li jinnewtralizza dan id-dubju jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.*"

Illi f'dan il-kaz odjern il-Prosekuzzjoni gabet il-prova rikjesta mill-ligi in propositu billi ressqet bhala xhieda lill-Ufficjali tal-Pulizija li kien presenti waqt li l-imputata irrilaxxjat l-istqarrija taghha. Mhux talli hekk izda sahansitra l-appellanti tkelmet ma

[11] it-tnax ta' Frar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

l-avukat taghha qabel ma rrilaxxjat l-istqarrija. Hadd ma allega li l-istqarrija jew ahjar konfessjoni ittiehdet b'xi theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."

Il-fatt li l-appellanti tghid li ma hasssitx komda mal-ispettur minhabba esperjenzi fil-passat ma rendux l-istqarrija bhala wahda vizzjata.

Id-difiza qed issostni bil-qawwa li l-imputata irrilaxxjat l-istqarrija taghha dokument ET4 minhabba l-biza psikologika li kellha fil-mument li kienet qed tigi nterrogata.

Issa kif gie ritenut minn Sacks J. fil-kawza fl-ismijiet **R. v Priestly** (1967) 51 Cr. App. R 1.

"*Whether or not there is oppression in an individual case depends upon many elements. I am not going into all of them. They inculude such things as the length of time of any individual period of questioning, the length of time of intervening between periods of questioning, whether the accused person had been given proper refreshment or not, and the characteristic of the person who makes the statement.*"

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellanti kienet gja imdorrija taghmel rapport kontra zewgha u dan kif stqarret hi stess tant li gja kien hemm proceduri penali pendenti fl-istess zmien kontra zewgha istitwiti fuq rapport taghha. Jidher ukoll li diga' kienet instabet hatja ta' reati ohra kif jidher minn ezami tal-fedina penali taghha u ghalhekk gja kellha eseperjenzi ta' investigazzjoni. Illi l-istqarrija giet mehuda ftit sieghat wara li kienet mitluba tmur l-ghassa.

In oltre jirrizulta li kienet l-istess appellanti li spjegat fejn kien inveritier fir-rapport taghha u ghalhekk kienet hi stess li ssottolinejat dak li kien inveritier fir-rapport taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista tiskarta dak mistqarr minnha fil-konessjoni taghha u tghid li kien inveritier u tikkonferma r-rapport taghha floku.

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti tar reat ta' kalunja kif kontemplat fl-**artikolu 101** tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, li jiddisponi s segwenti:-

*"101. (1) Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati -*

Issa mid-dicitura tal-**Artikolu 101**, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit**[12] fejn gie deciz li:

*"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l- element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il- persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li jghallem l-**Imhallef William Harding** fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' falza denunzja:

"*Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok hal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`,*

[12] Deciz nhar il-15 ta' Gunju, 2001

*tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja*[13]."

Fid-dawl ta' dawn il-provi ssir riferenza ghal dak deciz i fil-procediment **Il-Pulizija vs Christian Demanuele:**[14]

Illi dwar il-kalunja indiretta u d-differenza bejn dan ir-reat u dak ta' kalunja diretta l-**Professur Mamo** jghallem li:

*Whereas the false accusation ... made orally or in writing by any information, report or complaint cionnstitutes the caluminious accusation, properly so called verbal or direct, this other form, consisting in falsely fabricating factual evidence os an offence against an innocent person, consists the caluminious accusation known as real or indirect: "La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materialo di u reato... tale sarebbe il-porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero il-porre sulla persona o nell' abitazione altrui un pugnale insanguinante, opurre una cosa furtiva" (Maino op cit para 1102)*

*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[15]

Illi l-istess l-**Antolisei** jghid:

[13] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

[14] Deciza 10.08.2017; per Onor. Magistrat. Dr. Doreen Clarke.

[15] Op. cit. pagna 58.

*Le modalita dell'incolpazione possono concretare la cosidetta caunnia diretta o formale e la calunnia indiretta o materiale (detta anche reale). Si ha la prima quando l'attribuzione dell'illecito penale si attua mediante denuncia .... .... ....; la seconda quando l'incolpazione si pone in essere simulando a carico di taluno le tracce di un reato.*[16] *.... .... .... tracce costituite da tutti i fatti o circostanze che servono a designare un determinato individuo come certo o probabbile autore o compartecipe di un fatto criminoso. I modi piu comuni concui si commette questa forma di calunia sono la simulazione di violenza sulle persone o sulle cose, oppure il collocaamento di oggetti indizianti presso il caalunniato...*[17]

Illi dawn il-principji gew affermati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs David Mizzi**[18];dik il-Qorti qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami:

Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza ta' kalunja u dan ghaliex hija konvinta li l-appellanti kienet taf li kienet qed tiddenunzja lil zewgha quddiem awtorita pubblika kompetenti b'reat u cioe li kiser il-kundizzjoni tal-liberta' provisorja **(Artikolu 579(1) tal-Kap 9**) meta kienet taf li l-incident li fabbrika ma

---

[16] Op. cit. pagna 467
[17] Pagna 469.
[18] Deciza 16.02.1998

kienx minnu u li kien ghalhekk li kienet esitenti jekk tirraportax jew le u mhux ghaliex ma kellhiex fiducja fis sistema jew kif qalet d difiza li kellha impressjoni zbaljata. Ghalhekk l-gudizzju f' dan ir-rigward milqugh mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-akkuza qed jigi konfermat. Fir-rigward tal-provediment moghti skond il-Kapitlu 466 tal-Ligijiet ta' Malta ma jidhirxli d-difiza qed tapella.

Hija l-piena ta' interdizzjon komminata fis-sentenza tal-ewwel Qorti li l-appellanti qed tintavola appell. Dan ghaliex l-appellant ssostni li ma jistax jinghata l-interdizzjoni mal-provediment tal-probation.

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza u cioe' li conditional discharge jew probation taht il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ebda mod ma tekwavali ghal kundanna pero' ma taqbilx mad-Difiza illi dan ifisser li f'kaz ta' Probation Order kif inhu l-kaz in ezami, ma jistax jigi applikat l-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovdi s-**sub-artikolu 2 tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' s-segwenti:

*"mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħtprobation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta'probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jewkondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġimwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xiinterdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persunib'dikjarazzjoni ta' ħtija"*.

Ghalhekk, u appuntu minhabba dan li jiddispondi l-ligi, in vista ta' dak li jipprovdi s-sub-artikolu appena citat, il-piena ta' interdizzjoni tibqa' applikabbli.

Issir referenza hawnhekk ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maria Speranza Mangion**[19]**.**

Qed issir ukoll referenza ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet il-**Pulizija vs Michael Mifsud**[20] fejn f'dan il-kaz l-ewwel Qorti

[19] Mghotija nhar il-15 ta' Settembru, 2010

kienet iddikjarat l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-akkuzat bhala serjissimi pero' mbghad illiberatu taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sena. L-Avukat Generali kien appella minn dik id-decizjoni fejn kien talab riforma fis-sentenza appellata billi talab li tikkonferma s-sejbien ta' htija u l-ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u talab lil din il-Qorti timponi wkoll interdizzjoni generali u perpetwa skont il-Ligi. Dik il-Qorti laqghet it-talba u mponiet din l-interdizzjoni generali perpetwa fuq l-appellant.

Din il-Qorti tghamel referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikoli 109 tal-Kap 9 proprju dwar l-istitut ta' interdizzjoni li jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-pienatal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservibħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kullkaż li jkun.*
*(2) Din l-interdizzjoni tkun għaż-żmien minn ħames snin sagħaxar snin fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ugħaż-żmien minn għaxar snin sa għoxrin sena f'kull każ ieħorimsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu".*

Illi huwa Palesi li l-appellanti li nstabet hatja taghha, hija dik maghrufa bhala kalunnja, kif imsemmija fl-Artikolu 101 tal-Kap 9. Illi dan ir-reat jaqa' taht is-sub-titolu Sub-titolu III fuq il-Kalunnja, Spergur u Gurament Falz.

Ghalhekk hu car u manifest li l-Ewwel Qorti, ladarba rriskontrat htija taht id-dispozizzjoni tal-Ligi dwar il-kalunnja, **hi marbuta** bil-ligi li timponi fuq l-appellanta Juanita Fenech ukoll l-interdizzjoni generali temporanja u perpetwa a tenur tal-artikolu 190. L-unika deskrizzjoni li jidher li kellha l-ewwel Qorti ai termini ta' din l-istess disposizzjoni kienet dwar il-kwantum tat-terminu li setghet tordna fir-rigward ta' l-interdizzjoni u cioe' perjodu ta' bejn ghaxar snin u ghoxrin sena kif dispost fis-subinciz 2 tal-Artikolu 109 tal-Kap 9.

Illi ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti ghazlet bhala perjodu l-minimu preskritt mill-Ligi.

---

[20] Mghotija nhar is-16 ta' Dicembru, 2003

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward fejn sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel (1) akkuza u qieghdet lill-istess appellanti taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ordnat l-interdizzjoni generali temporanja tal-appellanti ghal zmien ta' ghaxar snin ai termini tal-Artikolu 109(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ordnat l-interdizzjoni li sservi bhala xhud jew perit f'dan l-istess zmien u tikkonferma wkoll fejn ma sabitx htija fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u konsegwentement illiberata minnu.

Il-Qorti tordna li l-perjodu ta' tlett snin jibdew jiddekorru mil-lum. Tordna li kopja tas-sentenza taghha tigi notifikata ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Ufficju tal-Probation u Parole.

Tordna wkoll illi l-appellanti tinghata kopja ta' din l-istess sentenza u twissija b'mod verbali, b'mod car bil-konsegwenza jekk hija tikser l-ordni ta' Probation moghtija lilha llum stess.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur